MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 2/2006

**Allied Newspapers Limited**

**-vs-**

**XIK Services Limited**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn is-socjeta' attrici ppremettiet illi hija rrendiet diversi servizzi ta' reklamar fuq ordni u inkarigu specifiku ta' XIK Services Limited;

Illi tali servizzi ta' reklamar kienu gew rezi a sodisfazzjoni ta' XIK Services Limited.

Illi l-hlas dovut ghal tali servizzi fl-ammont ta' elfejn mija u hamsa u disghin liri Maltin (Lm2195) gie mitlub lil XIK Services Limited u minkejja tali talbiet ta' hlas, anke permezz t'ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru 2005, is-

socjeta’ konvenuta baqghet ma halsitx dan l-ammont dovut minnha;

Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti;

Talbet lil din l-Onorabbli:

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Lm2195 rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi ta’ reklamar debitament rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku tas-socjeta’ konvenuta; u

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici dan l-ammont ta’ Lm2195 dovut kif intqal aktar ‘il fuq ghar-ragunijiet hemm premessi, bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 1 ta’ Novembru 2005 u spejjez ohra sussegwenti kollha u dan kollu kontra tas-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma minn issa lkoll ingunti in subizzjoni.

Rat illi minkejja li s-socjeta’ konvenuta giet notifikata bl-avviz u bl-appuntament tas-smiegh ta’ din il-kawza naqset li tidher u tikkontesta t-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta’ ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta pprezentata llum stess.

Il-Qorti;

Ghalhekk taqta’ u tiddiciedi l-kawza billi tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici tas-socjeta’ attrici u tikkundannaha thallasha l-ammont ta’ elfejn mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm2195) dovuti in konnessjoni ma servizzi ta’ reklamar fuq ordni u inkarigu specifiku ta’ XIK Services Ltd.

Bl-ispejjez kollha  inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 ta' Novembru 2005 u spejjez ohra sussegwenti u bl-imghax legali mill-1 ta' Novembru 2005 sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------